**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 162353** **24.10.2016**

## STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jinawgura uffiċjalment l-'Open Days' fil-Jum Ewropew tal-Ġustizzja***

Dalgħodu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura l-*Open Days* fil-Jum Ewropew iddedikat għall-Ġustizzja, illum it-Tnejn 24 u għada t-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2016.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati qal li l-Parlament ta' Malta ħass il-ħtieġa li jissieħeb mal-Kunsill Notarili ta' Malta proprju f'dan il-jum sabiex juri l-importanza tal-professjoni tan-nutar, u s-sehem importanti li għandhom in-nutara fis-soċjetà bħala uffiċjali pubbliċi li jagħtu servizz utli liċ-ċittadini Maltin u barranin.

F'dawn il-jumejn il-Parlament se jservi ta' lok fejn in-nutara jilqgħu l-pubbliku sabiex jitkellmu miegħu dwar diversi suġġetti marbuta ma' din il-professjoni, inklużi t-trasferiment ta' proprjetà, ir-reġim matrimonjali, l-unjoni ċivili, is-suċċessjoni, il-kuntratti u atti ċivili oħra b'konnessjoni mal-professjoni tan-nutar. Bħala konsumatur, iċ-ċittadin li jeħtieġ dawn is-servizzi, jistenna li jkun moqdi tajjeb u jippretendi serħan il-moħħ jew iċ-ċertezza legali tal-atti notarili, qal l-Ispeaker, Anġlu Farrugia.

Għal din l-okkażjoni attenda l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Owen Bonnici, is-Sur Raul Radoi, Segretarju Ġenerali, Kunsill tan-Nutara Ewropej (CNUE), kif ukoll Dott. Joseph Abela, President tal-Kunsill Notarili ta' Malta.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**